



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2015/2040(INI)

21.4.2015

EMENDI 1 - 25

**Abbozz ta' opinjoni
Jean-Marie Cavada
(PE551.952v01-00)**

Proċeduri u prattiki rigward is-seduti ta' smiġħ tal-Kummissarji, taġġimiet li għandhom jinsiltu mill-proċess tal-2014 (2015/2040(INI))

AM_Com_NonLegOpinion

Emenda 1
Enrico Gasbarra

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni

1. Jafferma mill-ġdid l-importanza tal-garanzija ta' indipendenza tal-Kummissarji nnominati; Iqis li l-analiżi tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi, li hija kompetenza tal-Kumitat JURI, tikkostitwixxi pass importanti fl-evalwazzjoni tal-indipendenza tagħhom, iżda li l-ambitu limitat tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi ma jippermettix li tittieħed azzjoni f'dan ir-rigward;

Emenda

1. Jafferma mill-ġdid l-importanza tal-garanzija ta' indipendenza tal-Kummissarji nnominati; Iqis li l-analiżi tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi, li hija kompetenza tal-Kumitat JURI, tikkostitwixxi pass importanti fl-evalwazzjoni tal-indipendenza tagħhom, iżda li l-ambitu limitat tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi ma jippermettix li tittieħed azzjoni f'dan ir-rigward; ***iqis, għalhekk li fix-xhur li ġejjin il-Kumitat għall-Affarijiet Legali għandu jfassal linji gwida, fil-forma ta' rakkomandazzjoni jew ta' rapport fuq inizjattiva proprja, biex tkun iffaċilitata r-riforma tal-proċeduri li jikkonċernaw id-dikjarazzjonijiet tal-interessi tal-Kummissarji;***

Or. it

Emenda 2
Tadeusz Zwiefka

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni

1. Jafferma mill-ġdid l-importanza tal-garanzija ta' indipendenza tal-Kummissarji nnominati; Iqis li ***l-analiżi*** tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi, li ***hija kompetenza tal-Kumitat JURI, tikkostitwixxi pass importanti fl-evalwazzjoni tal-indipendenza tagħhom, iżda li l-ambitu limitat*** tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi ***ma jippermettix li tittieħed azzjoni f'dan ir-rigward;***

Emenda

1. Jafferma mill-ġdid l-importanza tal-garanzija ta' indipendenza tal-Kummissarji nnominati; iqis li ***l-iskrutinju*** tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi ***għandha tibqa' ta' kompetenza esklussiva tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali; iqis, madankollu, li l-kamp ta' applikazzjoni attwali*** tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi ***tal-Kummissarji huwa limitat wisq, u jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi r-***

*regoli tagħha dwar dan mill-aktar fis
possibbli;*

Or. en

Emenda 3
Tadeusz Zwiefka

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni

2. Iqis li l-analiżi tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji tal-Kummissarji nnominati tikkonsisti mhux biss fil-verifika li d-dikjarazzjoni tkun ġiet ikkompletata b'mod xieraq, *iżda wkoll* biex tiddetermina jekk il-kontenut tagħha jindikax kunflitt ta' interessi; *Iqis li l-Kumitat JURI għandu jkollu setgħa ta' investigazzjoni ġenwina, inkluża, b'mod partikolari, il-possibilità li jordna d-divulgazzjoni tal-informazzjoni ulterjuri kollha meħtieġa għal evalwazzjoni bir-reqqa tad-dikjarazzjonijiet;*

Emenda

2. Iqis li l-analiżi tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji tal-Kummissarji nnominati tikkonsisti mhux biss fil-verifika li d-dikjarazzjoni tkun ġiet ikkompletata b'mod xieraq *u* biex tiddetermina jekk il-kontenut tagħha jindikax kunflitt ta' interessi;

Or. en

Emenda 4
Virginie Rozière

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni

2. Iqis li l-analiżi tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji tal-Kummissarji nnominati tikkonsisti mhux biss fil-verifika li d-dikjarazzjoni tkun ġiet ikkompletata b'mod xieraq, *iżda wkoll* biex tiddetermina jekk il-kontenut tagħha jindikax kunflitt ta' interessi; Iqis li l-Kumitat JURI għandu

Emenda

2. Iqis li, *abbażi ta' qari tar-regoli eżistenti* l-analiżi tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji tal-Kummissarji nnominati tikkonsisti mhux biss fil-verifika li d-dikjarazzjoni tkun ġiet ikkompletata b'mod xieraq, *iżda wkoll* biex tiddetermina jekk il-kontenut tagħha jindikax kunflitt ta'

jkollu setgħa ta' investigazzjoni ġenwina, inkluża, b'mod partikolari, il-possibilità li jordna d-divulgazzjoni tal-informazzjoni ulterjuri kollha meħtieġa għal evalwazzjoni bir-reqqa tad-dikjarazzjonijiet;

interessi; Iqis, **barra minn hekk**, li l-Kumitat JURI għandu jkollu setgħa ta' investigazzjoni ġenwina, inkluża, b'mod partikolari, il-possibilità li jordna d-divulgazzjoni tal-informazzjoni ulterjuri kollha meħtieġa għal evalwazzjoni bir-reqqa tad-dikjarazzjonijiet;

Or. fr

Emenda 5 **Angel Dzhambazki**

Abbozz ta' opinjoni **Paragrafu 2**

Abbozz ta' opinjoni

2. Iqis li l-analiżi tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji tal-Kummissarji nnominati tikkonsisti mhux biss fil-verifika li d-dikjarazzjoni tkun ġiet ikkompletata b'mod xieraq, iżda wkoll biex tiddetermina jekk il-kontenut tagħha jindikax kunflitt ta' interessi; Iqis li l-Kumitat JURI għandu jkollu setgħa ta' investigazzjoni ġenwina, inkluża, **b'mod partikolari**, il-possibilità li jordna d-divulgazzjoni tal-informazzjoni ulterjuri kollha meħtieġa għal evalwazzjoni bir-reqqa tad-dikjarazzjonijiet;

Emenda

2. Iqis li l-analiżi tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji tal-Kummissarji nnominati tikkonsisti mhux biss fil-verifika li d-dikjarazzjoni tkun ġiet ikkompletata b'mod xieraq, iżda wkoll biex tiddetermina jekk il-kontenut tagħha jindikax kunflitt ta' interessi; Iqis li l-Kumitat JURI għandu jkollu setgħa ta' investigazzjoni ġenwina, inkluża, il-possibilità li jordna d-divulgazzjoni tal-informazzjoni ulterjuri kollha meħtieġa għal evalwazzjoni bir-reqqa tad-dikjarazzjonijiet;

Or. bg

Emenda 6 **Mary Honeyball, Clare Moody**

Abbozz ta' opinjoni **Paragrafu 2**

Abbozz ta' opinjoni

2. Iqis li l-analiżi tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji tal-Kummissarji nnominati tikkonsisti mhux biss fil-verifika

Emenda

2. Iqis li l-analiżi tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji tal-Kummissarji nnominati tikkonsisti mhux biss fil-verifika

li d-dikjarazzjoni tkun ġiet ikkompletata b'mod xieraq, iżda wkoll biex tiddetermina jekk il-kontenut tagħha jindikax kunflitt ta' interessi; Iqis li l-Kumitat **JURI** għandu jkollu setgħa ta' **investigazzjoni ġenwina**, inkluża, b'mod partikolari, il-possibilità li jordna d-divulgazzjoni tal-informazzjoni ulterjuri kollha meħtieġa għal evalwazzjoni bir-reqqa tad-dikjarazzjonijiet;

li d-dikjarazzjoni tkun ġiet ikkompletata b'mod xieraq, iżda wkoll biex tiddetermina jekk il-kontenut tagħha jindikax kunflitt ta' interessi; Iqis, **f'dak il-każ**, li l-Kumitat **tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali** għandu jkollu setgħa ta' **skrutinju msaħħa**, inkluża, b'mod partikolari, il-possibilità li jordna d-divulgazzjoni tal-informazzjoni ulterjuri kollha meħtieġa għal evalwazzjoni bir-reqqa tad-dikjarazzjonijiet, **u s-setgħa li tintalab il-preżenza tal-Kummissarju nnominat biex iwieġeb aktar mistoqsijiet dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji mingħajr ma' jinkiser il-privileġġ tal-kumitat mexxej li jwettaq is-seduta tas-smigħ**;

Or. en

Emenda 7
Jean-Marie Cavada

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

2a. Jinnota li l-Kummissjoni għandha r-responsabilità li tidentifika kwalunkwe kunflitt ta' interess li jista' jxekkel lill-Membri tagħha milli jwettqu l-kompiti tagħhom, u hu tal-fehma, għalhekk, li l-Kummissjoni għandha tkun f'pożizzjoni li tivverifika u tiggarrantixxi l-akkuratezza u l-kompletezza tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji sottomessi mill-Kummissarju nnominat qabel is-seduti tas-smigħ tagħhom quddiem il-Parlament;

Or. fr

Emenda 8
Angel Dzhambazki

PE554.914v01-00

6/15

AM\1058439MT.doc

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3**

Abbozz ta' opinjoni

3. Iqis li l-indipendenza tal-membri nnominati tkun garantita aktar faċilment jekk il-Kummissjoni ma tkunx komposta minn ċittadin minn kull Stat Membru, f'konformità mal-Artikolu 17, paragrafu 5 tat-TUE; Iqis li l-portafolli tal-Kummissarji u l-oqsma ta' kompetenzi rispettivi tal-kumitati parlamentari għandhom jaqblu; Jappella, għaldaqstant, lill-Kunsill Ewropew biex jeżamina mill-ġdid id-deċiżjoni tiegħu dwar in-numru ta' membri tal-Kummissjoni u biex inaqqas in-numru tagħhom qabel tiġi nnominata l-Kummissjoni li jmiss;

Emenda

imħassar

Or. bg

**Emenda 9
Tadeusz Zwiefka**

**Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3**

Abbozz ta' opinjoni

3. Iqis li l-indipendenza tal-membri nnominati tkun garantita aktar faċilment jekk il-Kummissjoni ma tkunx komposta minn ċittadin minn kull Stat Membru, f'konformità mal-Artikolu 17, paragrafu 5 tat-TUE; Iqis li l-portafolli tal-Kummissarji u l-oqsma ta' kompetenzi rispettivi tal-kumitati parlamentari għandhom jaqblu; Jappella, għaldaqstant, lill-Kunsill Ewropew biex jeżamina mill-ġdid id-deċiżjoni tiegħu dwar in-numru ta' membri tal-Kummissjoni u biex inaqqas in-numru tagħhom qabel tiġi nnominata l-Kummissjoni li jmiss;

Emenda

3. Iqis li l-portafolli tal-Kummissarji u l-oqsma ta' kompetenzi rispettivi tal-kumitati parlamentari għandu jkollhom rabta mill-qrib; Jappella, għaldaqstant, lill-Kunsill Ewropew biex jeżamina mill-ġdid id-deċiżjoni tiegħu dwar in-numru ta' membri tal-Kummissjoni u biex jikkunsidra li jnaqqas in-numru tagħhom qabel tiġi nnominata l-Kummissjoni li jmiss;

Or. en

Emenda 10

Mary Honeyball, Clare Moody

Abbozz ta' opinjoni

Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni

3. Iqis li l-indipendenza tal-membri nnominati tkun garantita aktar faċilment jekk il-Kummissjoni ma tkunx komposta minn ċittadin minn kull Stat Membru, f'konformità mal-Artikolu 17, paragrafu 5 tat-TUE; Iqis li l-portafolli tal-Kummissarji u l-oqsma ta' kompetenzi rispettivi tal-kumitati parlamentari għandhom jaqblu; Jappella, għaldaqstant, lill-Kunsill Ewropew biex jeżamina mill-ġdid id-deċiżjoni tiegħu dwar in-numru ta' membri tal-Kummissjoni u biex inaqqas in-numru tagħhom qabel tiġi nnominata l-Kummissjoni li jmiss;

Emenda

3. Iqis li huwa mixtieq li jkun hemm allinjament akbar bejn il-portafolli tal-Kummissarji u l-oqsma ta' kompetenzi rispettivi tal-kumitati parlamentari, mingħajr il-privileġġ ta' kull istituzzjoni li tiddetermina jekk l-istruttura u l-kompożizzjoni interna tagħha hijiex qed tinkiser minn istituzzjoni oħra;

Or. en

Emenda 11

Jiří Maštálka

Abbozz ta' opinjoni

Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni

3. Iqis li l-indipendenza tal-membri nnominati tkun garantita aktar faċilment jekk il-Kummissjoni ma tkunx komposta minn ċittadin minn kull Stat Membru, f'konformità mal-Artikolu 17, paragrafu 5 tat-TUE; Iqis li l-portafolli tal-Kummissarji u l-oqsma ta' kompetenzi rispettivi tal-kumitati parlamentari għandhom jaqblu; Jappella, għaldaqstant, lill-Kunsill Ewropew biex jeżamina mill-ġdid id-deċiżjoni tiegħu dwar in-numru ta'

Emenda

3. Iqis li l-portafolli tal-Kummissarji għandhom jinqasmu bir-reqqa sabiex ma jkunx hemm irduppar u sabiex il-mandat ta' kull Kummissarju jiġi definit b'mod ċar, u dan għandu jsir b'kooperazzjoni mal-Parlament, li għandu setgħat ta' superviżjoni u kontroll fuq il-Kummissjoni;

membri tal-Kummissjoni u biex inaqqas in-numru tagħhom qabel tiġi nnominata l-Kummissjoni li jmiss;

Or. cs

Emenda 12
Ivan Jakovčić

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni

3. Iqis li l-indipendenza tal-membri nnominati tkun garantita aktar faċilment jekk il-Kummissjoni ma tkunx komposta minn ċittadin minn kull Stat Membru, f'konformità mal-Artikolu 17, paragrafu 5 tat-TUE; Iqis li l-portafolli tal-Kummissarji u l-oqsma ta' kompetenzi rispettivi tal-kumitati parlamentari għandhom jaqblu; *Jappella, għaldaqstant, lill-Kunsill Ewropew biex jeżamina mill-ġdid id-deċiżjoni tiegħu dwar in-numru ta' membri tal-Kummissjoni u biex inaqqas in-numru tagħhom qabel tiġi nnominata l-Kummissjoni li jmiss;*

Emenda

3. Iqis li l-portafolli tal-Kummissarji u l-oqsma ta' kompetenzi rispettivi tal-kumitati parlamentari għandhom jaqblu;

Or. hr

Emenda 13
Evelyn Regner, Mary Honeyball

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni

3. Iqis li l-indipendenza tal-membri nnominati tkun garantita aktar faċilment jekk il-Kummissjoni ma tkunx komposta minn ċittadin minn kull Stat Membru, f'konformità mal-Artikolu 17, paragrafu 5 tat-TUE; Iqis li l-portafolli tal-Kummissarji

Emenda

3. Iqis li l-indipendenza tal-membri nnominati tkun garantita aktar faċilment jekk il-Kummissjoni ma tkunx komposta minn ċittadin minn kull Stat Membru, f'konformità mal-Artikolu 17, paragrafu 5 tat-TUE; Iqis li l-portafolli tal-Kummissarji

u l-oqsma ta' kompetenzi rispettivi tal-kumitati parlamentari għandhom jaqblu; Jappella, għaldaqstant, lill-Kunsill Ewropew biex jeżamina mill-ġdid id-deċiżjoni tiegħu dwar in-numru ta' membri tal-Kummissjoni u biex inaqqas in-numru tagħhom qabel tiġi nnominata l-Kummissjoni li jmiss;

u l-oqsma ta' kompetenzi rispettivi tal-kumitati parlamentari għandhom jaqblu; Jappella, għaldaqstant, lill-Kunsill Ewropew biex jeżamina mill-ġdid id-deċiżjoni tiegħu dwar in-numru ta' membri tal-Kummissjoni u biex inaqqas in-numru tagħhom qabel tiġi nnominata l-Kummissjoni li jmiss ***u bil-ftehim li l-kumitat ta' tmexxija jagħmel l-aħħar rakkomandazzjoni lill-Konferenza tal-Presidenti***;

Or. en

Emenda 14
Mary Honeyball, Evelyn Regner

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

3a. Jipproponi li għandu jitwettaq rapport fuq inizjattiva proprja b'mod speċifiku rigward il- kwistjoni tal-kunflitti ta' interess fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji magħmula mill-Kummissarji nnominati;

Or. en

Emenda 15
Jean-Marie Cavada

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

3a. Iqis li s-seduti tas-smigħ mwettqa mill-kumitati responsabbli huma importanti bħala mezz mhux biss ta' verifika tal-personalità tan-nominati u tal-prijoritajiet politiċi tagħhom, iżda wkoll biex tkun ivverifikata l-attiduni u l-abilità tagħhom

biex iwettqu d-doveri tagħhom; jenfasizza li n-nominati għal karigi bħall-Viċi Presidenti tal-Kummissjoni, għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod bħan-nominati l-oħra;

Or. fr

Emenda 16
Jean-Marie Cavada

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3b (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

3b. Jenfasizza l-bżonn li tinkiseb il-parità tal-ġeneru fost il- membri tal-Kulleġġ tal-Kummissarji;

Or. fr

Emenda 17
Mary Honeyball, Evelyn Regner, Julie Ward, Clare Moody, Jytte Guteland

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3c (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

3c. Barra minn hekk iqis, li f'dan il-kuntest, il-bilanċ tal-ġeneru tal-Kulleġġ propost għandu jikkupa post sinifikanti fil-proċess.

Or. en

Emenda 18
Jiří Maštálka

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

-4a. Jenfasizza li l-iskop tas-seduti tas-smigħ għandu jkun biex il-Kummissarji nominati jingħataw opportunita ugwali u ġusta biex jippreżentaw lilhom infushom u l-opinjonijiet tagħhom bi qbil mal-Anness XVI tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, b'enfasi partikolari fuq l-imparzjalità u n-newtralità politika tal-proċedura;

Or. cs

Emenda 19
Jiří Maštálka

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni

4. Iqis li għandu jkun hemm aktar flessibilità b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħin allokat għall-mistoqsijiet supplimentari.

Emenda

4. Iqis li għandu jkun hemm aktar flessibilità b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħin allokat għall-mistoqsijiet supplimentari ***u għat-tweġibiet tal-kandidati.***

Or. cs

Emenda 20
Mary Honeyball, Clare Moody

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni

4. Iqis li ***għandu jkun hemm*** aktar flessibilità b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam ***mal-ħin allokat għall-mistoqsijiet*** supplimentari.

Emenda

4. Iqis li, ***sabiex titħeġġeġ diskussjoni*** aktar ***profonsa, l-istruttura tas-seduta tas-smigħ għandha tippermetti*** aktar flessibilità b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam ***mad-dritt tal-Membri li***

jistaqsu mistoqsijiet supplimentari.

Or. en

Emenda 21
Jean-Marie Cavada

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni

4. Iqis li *għandu jkun hemm aktar flessibilità* b'mod *partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħin* allokati għall-mistoqsijiet supplimentari.

Emenda

4. Iqis li *s-seduti tas-smigħ għandhom jiġu organizzati* b'mod *aktar flessibbli, partikolarment billi jitneħħew ir-restrizzjonijiet fuq il-ħin* allokati, *billi jitħalla aktar ħin, pereżempju* għall-mistoqsijiet supplimentari *spontanji*.

Or. fr

Emenda 22
Mary Honeyball, Clare Moody, Evelyn Regner

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

4a. Iqis li l-Parlament fis-seduta plenarja għandu jkollu d-dritt li jivvota fuq Kummissarji nominati individwali;

Or. en

Emenda 23
Virginie Rozière

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4b (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

4b. Iqis li n-numru ta' mistoqsijiet mressqa għandhom jitnaqqsu sabiex l-awturi tal-mistoqsijiet jitħallew jpoġġu mistoqsijiet ta' segwitu immedjati (pereżempju, tista' titħalla 30 sekonda għal mistoqsijiet ta' segwitu u minuta għat-tweġiba);

Or. fr

Emenda 24
Jean-Marie Cavada

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4c (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

4c. Iqis li għandhom jitfasslu regoli, b'mod partikolari rigward l-iskadenzi, li jikkontrollaw is-seduti ta' smigħ ta' nominati sostituti, sabiex dawn tal-aħħar ma jkunux fi żvantaġġ fir-rigward tal-Kummissarji nominati li jkunu nstemgħu oriġinarjament; jitlob għalhekk għal regoli li jiggvernaw is-seduti ta' smigħ tal-Kummissarji nominati li għandhom jitfasslu fi ftehim interistituzzjonali;

Or. fr

Emenda 25
Virginie Rozière

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4d (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni

Emenda

4d. Iqis li f'każijiet fejn il-koordinaturi ma jilħqux kunsens dwar il-valutazzjoni ta'

*Kummissarju nnominat, id-deċiżjoni
finali għandha titressaq għal votazzjoni
b'sejħa tal-ismijiet fil-Komitati;*

Or. fr